**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 47**
**Rik. Nru. 1040/15 JZM**

**Wara l-Ittra Ufficcjali numru 3347/15 fl-ismijiet hawn taht inversi:**

**Marcus Lauri (ID 242873M);**
**J.L. & Sons Limited (C-6982)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors li pprezentaw Marcus Lauri u J.L. & Sons Limited fl-**4 ta` Novembru 2015** li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti gew notifikati b`ittra ufficjali numru 3347/15 fl-ismijiet inversi li kienet gietipprezentata mir-Registratur tal-Kumpanniji kontra r-rikorrenti fil-5 ta` Ottubru 2015 (Dok. "I") ;*

*2. Illi permezz tal-imsemmija ittra ufficjali r-rikorrenti gew formalment notifikati bl-hemm annessi avvizi dwar l-impozizzjoni ta` penalijiet allegatament ammontanti ghas-somma ta` erbat elef u sitta u ghoxrin euro u tnejn u tletin cent (€4,026.32) u gew ukoll interpellati biex ihallsu l-imsemmija somma flimkien mal-ispejjez u penalijiet ohra allegatament dovuti ghar-ragunijiet premessi fil-precitata ittra ufficjali ;*

*3. Illi l-precitata pretenzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji dedotta permezz tal-fuq imsemmija ittra ufficjali u anke l-avvizi hemm annessi huma bbazati fuq suppozizzjonijiet u konsiderazzjonijiet li huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghalhekk ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi li huma necessarji skont il-ligi biex jintitolaw lill-imsemmi Registratur tal-Kumpanniji sabiex juzufruwixxi mill-procedura elenkata fl-artikolu 401(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta) u ghalhekk kemm l-imsemmija ittra ufficjali kif ukoll l-avvizi maghha annessi huma illegali u nulli, u dana kif ser jigi spjegat u ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors ;*

*4. Illi aktar minn hekk, jirrizulta bl-aktar mod lampanti illi minn dawn il-penalijiet kollha mitluba fil-precitata ittra ufficjali u fid-dokumenti hemm annessi li, apparti mill-fatt li dawn, hekk kif l-annessa kopja ta` din l-ittra ufficjali (Dok. "I"), li l-avvizi hemm annessi lanqas ma huma ffirmati mir-Registratur tal-Kumpanniji u lanqas li jistghu jippretendu l-esponenti f`dawn l-atti daqstant oneruzi huwa li dawn jigu ffirmati mir-Registratur tal-Kumpanniji pero` wkoll, minnhom kollha jirrizulta li l-ebda wiehed mill-avvizi ma hu dirett lejn ir-rikorrent Marcus Lauri u avviz wiehed biss (fejn qed jigi allegatament impost penali ta` elf sitt mija u tmienja u sittin euro u disghin cent (€1668.90) qed jigi dirett lejn is-socjeta` rikorrenti J.L. & Sons Limited.*

*Ghaldaqstant, ghal ragunijiet premessi u ghal dawk li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tal-artikolu 401(4) et seq tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta), tordna li l-ittra ufficjali numru 3347/15 fl-ismijiet inversi li kienet giet ipprezentata mir-Registratur tal-Kumpanniji fil-5 ta` Ottubru 2015 (Dok. "I") u l-hemm annessi avvizi ta`*

*penalijiet u fejn qed jintalab il-hlas ghall-hlas ta` erbat elef u sitta u ghoxrin euro u tnejn u tletin cent (€4,026.32), spejjez u penalijiet ohra huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u nulli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk mhux ezegwibbli, salv kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportun.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati.

Rat ukoll il-lista tad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digriet li tat fil-5 ta` Novembru 2015, fejn ordnat in-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji, taghtu zmien hmistax-il jum biex jipprezenta risposta, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar **it-Tlieta 24 ta` Novembru 2015 fis-2.00 p.m**. sabiex isiru l-provi kollha u s-sottomissjonijiet mehtiega b`dan illi s-smigh kellu jkun mitmum fl-istess udjenza sabiex il-Qorti taghti provvediment sa zmien hamest ijiem tax-xoghol kif trid il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta r-Registratur tal-Kumpanniji fis-**17 ta` Novembru 2015** li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa null ghaliex :-*

*a. Skont l-Artikolu 401(14) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta illi jirreferi ghall-Artikolu 156(1)(c)tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih it-talba li ghandha tkun enumerata, li f`dan ir-rikors odjern mhux il-kaz ;*

*b. Ai termini tal-Artikolu 174(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ir-rikors jonqos milli jispecifika f`liema kapacita` qed jibbaza t-talbiet tieghu Marcus Lauri ;*

*2. Illi in piu` ir-rikors odjern huwa null ghaliex l-Artikolu 401(6) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi illi "ir-rikors ghandu, taht piena ta` nullita`, jghid b`mod car u fil-qosor ix-xorta tal-oggezzjoni, il-fatti li minnhom inqalghet l-oggezzjoni, ir-ragunijiet ghaliex dik l-oggezzjoni ghandha tkun milqugha, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-ligi jew tkun dovuta skont il-ligi f`ammont izghar." Il-kliem tar-rikors huwa bla bazi u vag u ghaldaqstant ma jipprovdix ghar-rekwizit mehtiega skont il-ligi ;*

*3. Illi s-somma ta` erbat elef u sitta u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu (€4,026.32) hija dovuta bhala hlas ghall-penalitajiet inkorsi ghaliex notifikazzjonijiet ta` tibdil fid-diretturi u fl-istatut tal-kumpannija gew sottomessi wara z-zmien stipulat mil-ligi (annessi u mmarkati bhala Dok. 'A1' u Dok. 'A2' rispettivament) kif ukoll ghall-penalitajiet inkorsi ghaliex ma gewx sottomessi prospetti annwali skont kif jitlob l-Artikolu 184 u lanqas ma gewx sottomessi l-kontijiet annwali skont l-Artikolu 183(1) ta` Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*4. A contrario dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti, l-ittra ufficjali hija legittima u valida u dan ghar-ragunijiet spjegati hawn taht :-*

*a. Ir-Registratur tal-Kumpanniji, permezz tal-ufficjali delegati minnu skont Artikolu 400 ta` Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, ta avviz bil-miktub lid-diretturi tas-socjeta` li huma saru suggetti ghall-penali taht l-Att dwar il-Kumpanniji (avviz anness u mmarkata bhala Dok. 'B') u specifika x-xorta tal-ksur tal-ligi kif ukoll indika l-ammont dovut bhala penali ghal dak ir-reat. Il-ligi kjarament tispecifika illi l-persuna li lilha jkun inghata l-avviz titqies li tkun wehlet penali taht dan l-Att dwar il-Kumpanniji, kif ukoll xi penali dovuta ghal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bhala penali ghandu jitqies li jkun il-penali dovut taht dan l-Att ghall-ksur ta` ligi specifikat fl-avviz ;*

*b. Mal-ittra ufficjali kien hemm anness l-imsemmi avviz, flimkien ma` avvizi ohra mibghuta lill-kumpannija u ghaldaqstant sar kollox fir-remiti tal-ligi. Tajjeb wiehed jinnota illi tali avvizi gew injorati ghal kollox kemm mill-kumpannija u kemm mid-diretturi ;*

*c. L-ittra ufficjali kienet indirizzata kemm lis-socjeta` u kemm lil wiehed mid-diretturi u dana ghaliex il-kumpannija hija meqjusa responsabbli*

*in solidum mal-ufficjali taghha ghall-hlas ta` kull penali amministrattiva imposta taht l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*5. Illi l-esponent jispecifika illi minbarra l-avvizi tal-penali skont l-Artikolu 401(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji huwa minn jeddu kien diga` baghat lir-rikorrenti tliet twissijiet ohra sabiex ifakkar lill-atturi sabiex jirregolarizzaw ruhhom f`dawk li huma penali dovuti u dokumenti tal-kumpannija li baqghu mhux sottomessi ;*

*6. Illi l-esponent jiddikjara illi meta wiehed jaccetta illi jidhol bhala ufficjal ta` kumpannija dan jaghmlu konsapevoli tal-obbligi mitlubin minnu skont il-ligi applikabbli ghaldaqstant ir-Registratur m`ghandux bzonn, u lanqas ghandu obbligu legali, illi jfakkru fid-dmirijiet tieghu. Barra minn hekk, ir-rikorrent Lauri huwa prezentament direttur f`disa` kumpanniji ohra differenti (fil-maggoranza taghhom kollha b`hafna penali u drittijiet mhux mhallsa) u indubbjament ghalhekk ghandu jkun konxju tal-obbligi tieghu taht il-ligi ;*

*7. Illi, in vista tas-suespost, ta` min wiehed jinnota illi l-ahhar illi gew registrati kontijiet annwali tas-socjeta` attrici kien ghar-rigward ta` kontijiet annwali li jaghlqu fil-31 ta` Dicembru, 2008 (anness u mmarkat bhala Dok. 'C') u l-ahhar prospett annwali, flimkien mad-dritt tal-istess prospett annwali, huwa tas-sena 2009 (anness u mmarkat bhala Dok. 'D') ;*

*8. Illi l-poter li r-Registratur tal-Kumpanniji jista` jimponi penali johrog mill-Artikolu 184(3) u Artikolu 183(10) tal-imsemmi Kapitolu li jipprovdi illi fin-nuqqas ta` tharis tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 184 u Artikolu 183, fejn kull ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jista` jkun suggett ghall-penali,u, ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra*

*9. Illi l-penalitajiet mahruga ma jeccedux il-massimu stabbilit skont il-Hdax-il Skeda tal-imsemmi Kapitolu ;*

*10. In piu`, peress illi l-atturi baqghu inadempjenti ghal diversi snin, allura mhux talli s-somma msemmija hija dovuta izda talli hemm `il fuq minn €10,000 f`penali ohra diga` mahruga fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti, li bihom id-diretturi kienu notifikati bil-posta fl-indirizz illi pprovdew huma stess meta nkorporaw il-kumpannija in kwistjoni. Dawn il-*

*penali fil-fatt qeghdin jizdiedu kuljum, kif jipprovdi l-Kapitolu hawn imsemmi. Illi addizjonalment ma` din is-somma ta` penali hemm is-somma globali ta` Euro 3600 fi drittijiet in konnessjoni mal-prospetti annwali dovuti lir-Registratur tal-Kumpanniji li ilhom ma jithallsu mis-sema 2009 ;*

*11. Illi l-Att dwar il-Kumpanniji, fl-Artikoli 401(3) 'il quddiem, jipprovdi procedura specifika f`kaz illi wiehed jixtieq joggezzjona ghal xi penali mposta fuqu mir-Registratur ai termini tal-istess Att. Is-subartikoli 6 u 7 tal-Artikolu 401 jaghmluha cara illi l-unika oggezzjoni illi jista` jressaq ir-rikorrenti f`kazijiet bhal dawn hija illi penali ma kinitx imposta skont il-ligi jew li kienet dovuta f`ammont izghar ;*

*12. Illi l-esponent mexa sabiex jinforza t-titolu ezekuttiv permezz tan-notifika ta` kopja tal-avviz ta` penali flimkien mal-ittra ufficjali u kien qed jaghmel dan ai termini tal-artikolu 401(4) sabiex jirkupra parti mill-kreditu illi huwa dovut lilu skont il-ligi ;*

*13. In vista tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni ;*

*14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta.

Rat illi fl-udjenza tal-**24 ta` Novembru 2015** ta` dan il-procediment ma seta` jsir xejn ghaliex ir-rikorrenti ma kienux notifikati bl-avviz tas-smigh tar-rikors. Ghalhekk il-procediment baqa` ghal jumejn wara.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-**26 ta` Novembru 2015**.

Semghet ix-xiehda ta` David Lauri u tal-Av. Dr. Claudette Fenech fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-procediment ghal provvediment ghal-lum.

## II. <u>L-Art 401 tal-Kap 386</u>

Id-disposizzjonijiet mill-Art 401 tal-Kap 386 li huma rilevanti ghall-procediment tal-lum huma :-

*(3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż.*

*(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dik il-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdix proċedimenti quddiem il-qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekk stabbilita.*

*(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3), dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.*

*(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta tal-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skont il-liġi jew tkun dovuta skont il-liġi f'ammont iżgħar.*

*(7) Il-qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skont il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skont il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistratur.*

*(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-*

*rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.*

*(9) Il-qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.*

*(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistratur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistratur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.*

*(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba ; dan għandu ukoll jiddikjara fir-risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeż magħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.*

*(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skont il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.*

*(13) Il-qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.*

*(14) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak.*

*(15) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika tal-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.*

*(16) Id-deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu (5), li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas*

*dik il-penali, għandha, meta ssir res judicata, titqies li hi deċiżjoni tal-qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.*

*(17) Appell minn deċiżjoni tal-qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu (5), għandu jsir bil-mezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni ; il-persuna li kontra tagħha jkun sar ir-rikors għanda fi żmien sitt ijiem tax-xogħol min-notifika lilha tar-rikors tippreżenta risposta għall-appell.*

## III. Xhieda

**L-Av. Claudette Fenech,** rapprezentant tal-intimat, xehdet illi l-penali fl-ammont ta` €4,026.32 huma dovuti lill-intimat mis-socjeta` rikorrenti u mid-diretturi taghha Marcus Lauri u David Lauri 'in solidum' bejniethom. L-ammont huwa spjegat u abbinat ma` inadempjenzi li ghamlu r-rikorrenti, dank if jirrizulta kemm mid-dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti mar-rikors taghhom kif ukoll mid-dokumenti li pprezenta l-intimat mar-risposta. Fissret li hemm penali bhal fil-kaz li ma ssirx il-prezentata tal-'annual returns' jew tal-'financial statements' li huma kontinwi u jibqghu dovuti sa ma l-persuna responsabbli tirregola ruhha. Apparti l-ammont reklamat fl-ittra ufficjali li qeghda tigi kontestat fil-procedura tal-lum, hemm ammonti ohra li huma dovuti li sal-lum ghadha ma ntbaghtet l-ebda ittra ufficjali. Huwa propju ghalhekk illi fid-dokumenti esebiti jirrizultaw ammonti li jaqbzu l-ammont indikat fl-ittra ufficjali. Fl-avvizi li hargu qabel l-ittra ufficjali, saret l-istess rikjesta tal-hlas lir-rikorrenti.

**David Lauri** xehed illi huwa direttur ta` J.L. & Sons Limited. Huwa kkonferma l-kontenut tar-rikors. Qal illi fil-verita` huwa m`ghandu l-ebda 'dispute' mar-Registratur tal-Kumpanniji ghaliex is-socjeta` J.L. & Sons Limited hija 'dormant'. Il-problemi taghha kienu dovuta ghall-fatt illi l-awditur taghha kien irtira u billi hija socjeta` 'antika' difficli ssib awditur iehor li jkompli fejn halla l-awditur ta` qabel. Fil-verita` billi s-socjeta` hija 'dormant' huwa ttraskura s-socjeta` . Fil-fatt lanqas 'assets' m`ghandha. Mistoqsi min huma d-diretturi, wiegeb li huwa l-uniku direttur. Rinfaccjat bil-fatt li jidher li anke Marcus Lauri ghadu direttur, ix-xhud ma gharafx iwiegeb ahjar ghalkemm qal li Marcis Lauri huwa azzjonista. L-ammont reklamat fl-ittra ufficjali ma thallasx ghaliex 'rahom hafna' billi s-socjeta` hija 'dormant'. Ighid li ssoltu kien ihallas inqas. Mistoqsi meta hallas l-ahhar, ighid li ma jafx ghaliex 'nesa'.

Fil-**kontroezami**, David Lauri xehed illi huwa kien ilu direttur ta` J.L. & Sons Limited mill-bidu nett li kienet kostitwita. Ighid illi ma jafx li s-socjeta` kienet ilha ma tibghat l-'annual returns' u l-'financial statements' taghha lir-Registratu mis-2008/2009. Ikkonferma li rcieva l-avvizi sabiex isir il-hlas tal-penali u sabiex jirregola ruhu. Wara li rcevew l-avvizi, ma ghamlu l-ebda kuntatt mar-Registratur.

## IV. L-eccezzjoni tan-nullita`

Fir-risposta tieghu, l-intimat eccepixxa n-nullita` tar-rikors ghaliex fil-fehma tieghu r-rikorrenti kienu inadempjenti ma` dak li jipprovdi l-Art 401(6) tal-Kap 386.

Il-posizzjoni tal-intimat mhijiex kondiviza minn dik il-Qorti ghaliex fil-fehma taghha minn dak li nghad fir-rikors wiehed jasal biex jifhem x`kienet il-lanjanza tar-rikorrenti. Il-Qorti trid tghid illi l-esposizzjoni tal-ilment setghet saret ahjar u setghet kienet aktar preciza pero` l-esposizzjoni tal-fatti kif saret fil-kaz tal-lum ma ggibx in-nullita` tal-att anke ghaliex b`li nghad fir-rikors l-intimat ma garrab l-ebda pregudizzju gravi sabiex jifformula d-difiza tieghu. Cara kienet id-difiza tal-intimat u hekk baqghet konsisteni matul il-procediment kollu.

Din il-Qorti ssostni l-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna fil-konsiderazzjoni ta` eccezzjonijiet ta` nullita` ta` atti fi procedimenti gudizzjarji. Specjalment wara l-emendi ghall-Kap 12 li saru bl-Att XXIV tal-1995, il-formalizmu tal-att kien arginat u ridimensjonat abbazi tal-principju illi kemm jista` jkun l-atti ghandhom jigu salvati. Kif inghad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. LXXXI.III.31** : *"In-nullita' tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas, formali jew sostanzjali, fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi."*

Ghar-rigward tar-rimarka li saret mill-intimat waqt it-trattazzjoni tar-rikors illi r-rikorrenti kienu fl-obbligu li jinizjaw il-procediment tal-lum bil-presentata ta` rikors *guramentat*, din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma bhall-intimat ghaliex fis-subinciz (5) tal-Art 401, il-ligi ma titkellimx dwar rikors *guramentat* izda dwar *rikors.* Bil-maqlub li qal ir-Registratur, il-legislatur

ma riedx li r-rikors ikun *guramentat.* Jibqa` l-principju illi : *ubi lex voluit dixit.*

## V. Mertu

Abbazi tal-provi li saru fil-procediment tal-lum, din il-Qorti m`ghandhiex l-icken esitazzjoni illi tghid li l-kontestazzjoni tar-rikorrenti ghall-ittra ufficjali de qua hija nsostenibbli kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. L-ammont pretiz mill-intimat fl-ittra ufficjali huwa konsistenti mal-avvizi li ntbaghtu qabel. Anzi fil-kondotta tal-intimat tirrizulta certa kawtela fis-sens illi ma marx kontra r-rikorrenti ghall-hlas tal-pendenzi kollha dovuti izda sal-lum illimita ruhu ghall-ammont mitlub fl-ittra ufficjali. L-ammont pretiz huwa pjenament gustifikat. Hija ghal kollox inaccettabbli l-iskuza li gab `il quddiem David Lauri sabiex ma jsirx il-hlas u cioe` li s-socjeta` hija 'dormant'. Daqstant iehor huma inaccettabbli ghaliex bla ebda fonadment guridiku u fattwali l-iskuza l-ohra li accenna ghalihom fid-deposizzjoni tieghu.

L-Att dwar il-Kumpanniji jaghmilha cara x`inhuma d-dmirijiet u l-obbligi ta` kull direttur ta` kumpannija registrata u regolata taht l-istess ligi, kif ukoll x`inhuma l-obbligi tal-kumpannija stess. Fost hwejjeg ohra, l-Art 183 jobbliga diretturi ta` kumpannija sabiex dawn kull sena jikkonsenjaw lir-Registratur kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija ghar-registrazzjoni, filwaqt li l-Artikolu 184 jobbliga lil kull kumpanija sabiex taghmel prospett fil-forma murija fis-Seba` Skeda ta` l-Att, liema prospett juri l-hwejjeg fiha indikati kif kienu fid-data ta` l-anniversarju tar-registrazzjoni taghha. Fis-sub-artikolu (10) ta` l- Artikolu 183 u fis-sub Artikolu (3) ta` l-Artikolu 184 il-ligi taghmilha cara lil kull ufficjal ta` kumpannija illi jonqos milli jibghat id-dokumenti mehtiega ghar-registrazzjoni ikun soggett ghall-penali fissa u ghal-penali addizzjonali ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas. L-Art 2(1) ta l-Att jghid li t-terminu "*ufficjal*" tinkludi direttur.

Id-diretturi huma mistennija mill-Kap 386 illi jagixxu b`mod kollettiv bhala bord. Ir-responsabilita` taghhom ghall-ksur tad-disposizzjonijiet tal-ligi tapplika ghalihom ilkoll 'in solidum'. L-Art 150 ta` l-Att li jghid li kull haga li skond xi disposizzjoni ta` l-Att hi mehtiega li ssir minn kumpannija, ghandha titqies ukoll li hi mehtiega li ssir mill-ufficjali tal-kumpannija. Inoltre, l-Art 427 ta` l-Att, li jittratta dwar penalitajiet amminstrattivi, fis-subartikolu (4) jghid li kumpannija tkun responsabbli in solidum ma` l-ufficjali taghha ghall-hlas ta` kull penali amministrattiva imposta taht l-Att.

Ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li d-diretturi, bhala ufficjali tal-kumpannija, huma responsabbli in solidum bejniethom u mal-kumpannija ghall-hlas tal-penali amministrattivi.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi t-talba tar-rikorrenti kif dedotta ma tistax tigi milqugha peress li l-penali imposta mill-intimat fil-konfront taghhom kif fuq inghad hija ghal kollox legittima u skond il-ligi.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi :-**

**Tichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar in-nullita` tal-azzjoni tar-rikorrenti.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat dwar il-mertu tal-istanza tar-rikorrenti.**

**Tichad it-talba tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**